**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 14 ta' Gunju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Scerri)**

**Vs**

**Kaloyan Plachiyski**

**Kump. Nr. 343/2019**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Kaloyan Plachiyski**, detentur tal-karta tal-Identita' Bulgara bin-Numru **644403865** u numru Personali Bulgaru **8103303884**. gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Ġunju, 2019 fil-fond 15, Mountain View, Flat 2, Triq l-Olmu, San Ġwann:

1. Ikkommetta serq ta' sitt mija u sittin Ewro (€660) fi flus kontanti għad-dannu ta' **Velizar Velizarov Tomov**, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' u bil-'lok'; *Artikoli 261(ċ)(e), 267, 269(g), 279(a), 280(1), u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Nakkużah ukoll talli nhar it-3 ta' Ġunju, 2019 għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15hrs) ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan f'San Ġiljan:

2. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-4 ta' Gunju 2019 (ara *folio* 13) u l-Ordni ta' l-istess Avukat Generali tal-4 ta' Gunju 2019 (ara folio 19);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 14 ta' Gunju 2019 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Qieset li llum stess seduat stante Velizar Velizarov Tomov ircieva s-somma ta' 650 Ewro fi flus kontanti minghand l-imputat.

Saru sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-provi dokumentarji migjuba, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija relattiva.

Ghall dak li jirrigwarda l-ahjar sanzjoni, l-Qorti qed tqis mhux biss l-ammissjoni bikrija izda wkoll il-fatt li l-imputat ikkumpensa lill-vittma.
**Decide**.

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll l-Artikoli 8(d) u 22(1)(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib u tiddikjara lil **Kaloyan Plachiyski**, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta` prigunerija ta` sena, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tas-sustanza illegali mertu ta' din il-kawza.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur